GUDJA

Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja msejjħa b'urġenza li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 17 t'April 2012 fil-5.30p.m.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | John Mary Calleja |
| Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli |

1. Aġġudikazzjoni ta' tenders:-
   a. GLC/03/2012 – General maintenance
   d. GLC/05/2012 - Parks & Gardens

2. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega li din il-laqgħa saret b'urġenza fuq talba tal-Viċi-Sindku s-Sur Romeo Baldacchino.

## 1.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders

1.1.0 GLC/03/2012 – General maintenance

1.1.1 Saret diskussjoni dwar kemm ir-rakkomandazzjoni tal-Perit William Lewis kif ukoll dwar min mill-offerenti jistgħu joffru l-aħjar servizz u li jista' iwettaq d-dmirijiet u responsabbilita tiegħu lejn il-Kunsill.

1.1.2 F'dan ir-rigward il-Kunsill iddeċieda li jagħti l-Kuntratt lill CMG Developers Ltd u dan b'effet mit-02 ta' Mejju 2012 u soġġett li jiġu ukoll sodisfatti l-provediment tal-Green Public Procurement (GPP)

1.2.0 GLC/05/2012 - Parks & Gardens

1.2.1 Is-Sindku qal li wara sejħa għall-offerti li l-Kunsill irċieva dwar is-segwenti offerti:-

a. Anton Barbara
b. WM Environmental Ltd
c. Owen Borg
d. ELC Ltd.

1.2.2 Saret diskussjoni dwar l-aħjar offerta kemm mill-aspett ekonomiku u dwar l-ammont finanzjarju, l-vantaġġi li joffri l-kuntrattur kemm dwar ħaddiema b'esperjenza kif ukoll li l-kuntrattur ikun jista' iwettaq id-dimirijiet u responsabbilita tiegħu lejn il-Kunsill.

1.2.3 F'dan l-istadju l-Kunsill iddeċieda li jagħti l-kuntratt lill Environmental Landscape Consortium (ELC) u dan b'effett mill-25 t'April 2012 u soġġett li jiġu ukoll sodisfatti l-provediment tal-Green Public Procurement (GPP).

## 2.0 Għeluq tal-laqgħa

2.1 Peress li l-materja li għalija ġiet msejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.35p.m. sine die.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati: _______________